

Brussell, 12 ta' Ġunju 2024  
(OR. en)

10805/24

---

---

**Fajl Interistituzzjonali:**  
**2023/0463(COD)**

---

---

**AG 119**  
**JAI 965**  
**FREMP 289**  
**DISINFO 89**  
**HYBRID 96**  
**MI 581**  
**DATAPROTECT 236**  
**AUDIO 70**  
**CONSOM 213**  
**TELECOM 206**  
**CODEC 1453**

**NOTA**

---

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kunsill
Nru. dok. preċ.: Suġġett:	16889/23 +ADD1, 10266/24 Proposta għal Direttiva dwar it-Trasparenza tar-Rappreżentanza ta' Interessi f'isem Pajjiżi Terzi - Dibattitu ta' orjentazzjoni

---

**I. INTRODUZZJONI**

1. Fit-12 ta' Diċembru 2023, il-Kummissjoni adottat il-pakkett dwar "id-Difiża tad-Demokrazija". Dan jikkonsisti minn:
  - i. Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar id-Difiża tad-Demokrazija<sup>1</sup>.
  - ii. Proposta għal Direttiva ġdida dwar it-Trasparenza tar-Rappreżentanza ta' Gruppi ta' Interess imwettqa f'isem pajjiżi terzi<sup>2</sup> (minn hawn 'il quddiem imsejħa "id-Direttiva proposta").
  - iii. Proposta għal Regolament li jemenda r-Regolamenti (UE) 1024/2012 u (UE) 2018/1724<sup>3</sup> li takkumpanja d-Direttiva proposta.

---

<sup>1</sup> 16935/23 + ADD 1.

<sup>2</sup> 16889/23 + ADD 1 + ADD 2.

- iv. Valutazzjoni tal-impatt<sup>4</sup> li takkumpanja ż-żewġ proposti leġislattivi fil-punti (ii) u (iii).
  - v. Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar proċessi elettorali inklużivi u reżiljenti fl-Unjoni u t-tiżni tan-natura Ewropea u t-tmexxija effiċjenti tal-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew<sup>5</sup>.
  - vi. Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-promozzjoni tal-involvement u l-parteċipazzjoni effettiva taċ-ċittadini u tal-organizzazzjonijiet tas-soċjeta' ċivili fil-proċessi tat-tfassil tal-politika pubblika<sup>6</sup>.
2. Fil-Parlament Ewropew, il-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur (IMCO) huwa l-kumitat ewlieni. Ir-rapporteur maħtur huwa Pablo ARIAS ECHEVERRIA (PPE, Spanja). Il-ħidma fil-Parlament Ewropew għadha għaddejja.
  3. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta l-Opinjoni tiegħu<sup>7</sup> fl-24 ta' April 2024.
  4. Fit-8 ta' Frar 2024, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 2) qabel dwar il-konsultazzjoni fakultattiva<sup>8</sup> tal-Kumitat tar-Reġjuni. Il-Kumitat tar-Reġjuni adotta l-Opinjoni tiegħu<sup>9</sup> fis-17 ta' April 2024.

---

<sup>3</sup> 17076/23.

<sup>4</sup> 16889/23 + ADD 3 + ADD 4; 17076/23 ADD 1 + ADD 2.

<sup>5</sup> 7434/24.

<sup>6</sup> 7433/24.

<sup>7</sup> 9738/24.

<sup>8</sup> 6003/24.

<sup>9</sup> 10327/24.

## II. ĦIDMA FIL-KUNSILL

5. Il-Kummissjoni ppreżentat l-elementi ewlenin tal-pakkett, inkluż id-Direttiva proposta u l-valutazzjoni tal-impatt li takkumpanjaha, fil-laqgħa tal-Grupp ta' Ħidma dwar l-Affarijiet Ġenerali (GAG) fid-9 ta' Jannar 2024 u ż-żewġ rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni fil-laqgħa tal-GAG fil-11 ta' Jannar.
6. Il-Ministri kellhom dibattitu ta' orjentazzjoni dwar il-pakkett dwar "id-Difiża tad-Demokrazija", inkluż id-Direttiva proposta, fil-laqgħa tal-Kunsill Affarijiet Ġenerali (KAĠ) fid-29 ta' Jannar abbażi ta' dokument informali tal-Presidenza<sup>10</sup>.
7. Abbażi ta' dan, il-GAG lesta l-ewwel eżami tad-Direttiva proposta inkluż skambju dwar l-aspetti prattiċi tad-Direttiva proposta u r-reġistru ta' trasparenza tal-UE. Xi delegazzjonijiet ikkondividew ukoll informazzjoni dwar ir-reġistri / il-leġiżlazzjoni nazzjonali eżistenti u futuri tagħhom.
8. Mid-diskussjonijiet fil-livell tal-GAG u l-konsultazzjonijiet informali, il-Presidenza identifikat il-kwistjonijiet politiċi ewlenin li ġejjin li ġew riferuti lill-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (COREPER) għal gwida dwar ħidma ulterjuri:
  - i. Kamp ta' applikazzjoni u objettivi;
  - ii. Livell ta' armonizzazzjoni; u
  - iii. Reġistri.
9. Is-Servizz Legali tal-Kunsill ħareġ opinjoni bil-miktub<sup>11</sup> dwar il-bażi legali tal-proposta fil-25 ta' April 2024.

---

<sup>10</sup> 5428/24.

<sup>11</sup> 9328/24.

### III. SITWAZZJONI ATTWALI

10. Il-COREPER iddiskuta l-kwistjonijiet politiċi ewlenin imsemmija fil-paragrafu 8 hawn fuq fil-laqgħa tiegħu tad-29 ta' Mejju 2024 abbażi ta' nota<sup>12</sup> li tidentifika l-oqsma ewlenin li jeħtieġu gwida għal aktar ħidma u mistoqsijiet li għandhom jiġu indirizzati.
11. Abbażi ta' dan, il-Presidenza siltet il-konklużjonijiet operazzjonali li ġejjin biex tiggwida ħidma ulterjuri dwar it-tliet kwistjonijiet politiċi ewlenin identifikati fil-paragrafu 8 hawn fuq:
12. Dwar il-kamp ta' applikazzjoni u l-oġettivi:
  - i. L-Artikolu 114 TFUE jipprovdi l-bażi ġuridika xierqa għad-Direttiva proposta.
  - ii. Għalhekk, ir-rabta mal-attivitajiet ekonomiċi trid tinżamm u d-Direttiva proposta għandha tapplika għal attivitajiet ta' rappreżentanza ta' interessi li jkopru servizzi ta' rappreżentanza ta' interessi u attivitajiet ta' rappreżentanza ta' interessi *li huma marbuta ma' attivitajiet ta' natura ekonomika jew li jissostitwuhom u li għalhekk huma komparabbli ma' servizz ta' rappreżentanza ta' interessi* (l-Artikolu 3(1)(b) tad-Direttiva proposta).
  - iii. Id-Direttiva proposta għandha tkopri entitajiet li jwettqu attivitajiet ta' rappreżentanza ta' interessi f'isem pajjiżi terzi.
  - iv. Id-definizzjonijiet iridu jkunu ċari u bbażati fuq kriterji oġġettivi. Id-definizzjoni ta' "attivitajiet ta' rappreżentanza ta' interessi" trid tkun marbuta ma' komunikazzjonijiet diretti (kemm bil-fomm kif ukoll bil-miktub) ma' uffiċjali jew awtoritajiet pubbliċi.

---

<sup>12</sup> 10226/24.

13. Dwar il-livell ta' armonizzazzjoni:

- i. Jeħtieġ li tiġi introdotta aktar flessibbiltà fid-Direttiva proposta f'diversi dispożizzjonijiet biex jiġu indirizzati ċirkostanzi u approċċi nazzjonali speċifiċi kif ukoll biex ikunu jistgħu jittieħdu miżuri nazzjonali aktar stretti meta dan ikun mixtieq, inkluż dwar dispożizzjonijiet dwar awtoritajiet kompetenti u superviżorji, kif ukoll dwar sanzjonijiet.
- ii. Huwa rikonoxxut li xi dispożizzjonijiet jistgħu jeħtieġu livell adegwat ta' armonizzazzjoni biex tiġi żgurata l-implimentazzjoni effettiva u bla xkiel tad-Direttiva proposta. Tali armonizzazzjoni għandha tkopri wkoll xi elementi tar-reġistri nazzjonali, bħall-informazzjoni pprovduta u l-kooperazzjoni transfruntiera.

14. Dwar ir-reġistri:

- i. Ir-reġistri għandhom jinżammu fil-livell nazzjonali, possibbilment abbażi ta' arkitettura komuni, u konnessi permezz ta' portal fil-livell tal-UE.
- ii. Filwaqt li din il-funzjonalità teħtieġ xi livell ta' armonizzazzjoni, xorta għandu jkun hemm il-possibbiltà li l-Istati Membri jiġbru informazzjoni addizzjonali, jekk iqisu li dan ikun meħtieġ.

15. Barra minn hekk, il-Presidenza nnutat li r-riskju ta' interferenza barranija fil-proċessi demokratiċi tagħna għadu ċar li huwa ta' tħassib għad-delegazzjonijiet kollha. Filwaqt li d-delegazzjonijiet kollha jaqblu li din id-Direttiva proposta tista' tikkontribwixxi biex jiġi indirizzat dan ir-riskju, tqajjem ukoll tħassib fir-rigward tar-riskji ta' stigmatizzazzjoni tas-soċjetà ċivili u dwar l-impatt li d-direttiva proposta jista' jkollha fuq ċerti libertajiet fundamentali, u b'mod partikolari l-libertà tal-espressjoni u ta' assoċjazzjoni.

#### IV. KONKLUŻJONIJIET

16. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Ministri huma mistiedna jkollhom dibattitu ta' orjentazzjoni fil-laqgħa tal-Kunsill (Affarijiet Ġenerali) fil-25 ta' Ġunju abbażi tad-dokument ta' diskussjoni tal-Presidenza fl-Anness ta' din in-nota, li jindirizza l-mistoqsijiet speċifikati fih.
-

**Proposta għal Direttiva dwar it-Trasparenza tar-Rappreżentanza ta' Interessi f'isem Pajjiżi Terzi**

**Laqgħa tal-Kunsill Affarijiet Ġenerali fil-25 ta' Ġunju 2024**

Dokument ta' diskussjoni tal-Presidenza

**Kuntest**

Ir-riskju ta' interferenza barranija fil-proċessi tat-tfassil tal-politika pubblika huwa ta' tħassib dejjem akbar għall-Istati Membri kollha. F'dawn l-aħħar snin, l-UE żviluppat firxa wiesgħa ta' għodod biex tindirizza u tittratta l-interferenza barranija. Bħala parti minn dan l-isforz, huwa importanti li issa jiġi żviluppat approċċ Ewropew, konsistenti mal-valuri tal-UE, fir-rigward tar-rappreżentanza ta' interessi f'isem pajjiżi terzi.

L-għan ewlieni tad-Direttiva proposta huwa li tikkontribwixxi għall-funzjonament tajjeb tas-suq intern għal attivitajiet ta' rappreżentanza ta' interessi mwettqa f'isem pajjiżi terzi, b'rispett sħiħ għad-drittijiet fundamentali u l-prinċipji, il-valuri u l-libertajiet demokratiċi. Hija tipproponi li dan isir billi jiġu stabbiliti rekwiżiti ta' trasparenza u responsabbiltà applikabbli għal entitajiet li jwettqu attivitajiet ta' rappreżentanza ta' interessi f'isem pajjiżi terzi biss. Fi kliem ieħor, dawn ir-rekwiżiti ma japplikawx għal entitajiet li jirċievu appoġġ finanzjarju minn pajjiżi terzi għal finijiet mhux relatati ma' attivitajiet ta' rappreżentanza ta' interessi.

Barra minn hekk, id-Direttiva proposta tiffoka fuq it-trasparenza u mhijiex maħsuba biex tqiegħed tikketta negattiva fuq l-attivitajiet ta' entitajiet speċifiċi (stigmatizzazzjoni) u lanqas biex tillimita l-ispazju ċiviku u l-libertà tal-espressjoni u ta' assoċjazzjoni. Barra minn hekk, ma tipprojbixxi l-ebda tip ta' attività, u lanqas tirrikjedi trasparenza ta' finanzjament barrani li mhuwiex relatat ma' attivitajiet ta' rappreżentanza ta' interessi.

Madankollu, minkejja s-salvagwardji msemija hawn fuq fid-Direttiva proposta, għad hemm tħassib dwar ir-riskji mhux intenzjonati possibbli ta' stigmatizzazzjoni ta' entitajiet, inkluż ta' Organizzazzjonijiet tas-Soċjeta' Ċivili (OSC), u l-limitazzjonijiet possibbli għal-libertà tal-espressjoni u ta' assoċjazzjoni li jistgħu jirriżultaw mill-implimentazzjoni tagħha.

Għaldaqstant, filwaqt li t-trasparenza u r-responsabbiltà huma objettivi leġittimi biex jiġi indirizzat it-tħassib demokratiku fl-ambjent ġeopolitiku tal-lum, kwalunkwe mezz biex jinkisbu dawn l-objettivi jrid jkun kemm effettiv kif ukoll iwassal għall-promozzjoni tal-ispazju ċiviku.

## **Mistoqsijiet għall-Ministri**

F'termini tal-oqsma ewlenin tad-Direttiva proposta li jeħtieġu aktar gwida, jidhru li jistgħu jintlaħqu konklużjonijiet operazzjonali dwar il-kamp ta' applikazzjoni u l-oġettivi, il-livell ta' armonizzazzjoni, u r-reġistri.

Fil-istess ħin, huwa fundamentali li l-miżuri tal-UE jkunu proporzjonati u jsibu l-bilanċ it-tajjeb bejn ir-rekwiżiti ta' trasparenza / responsabbiltà minn naħa, u s-salvagwardja tal-libertà tal-espressjoni u ta' assoċjazzjoni min-naħa l-oħra. Jeħtieġ ukoll li jiġu stabbiliti salvagwardji biżżejjed biex tiġi żgurata l-protezzjoni ta' dawn il-libertajiet kif ukoll tiġi evitata l-istigmatizzazzjoni tal-entitajiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tagħhom.

Fid-dawl ta' dan kollu ta' hawn fuq u tal-konklużjonijiet operazzjonali ppreżentati fil-Parti III tan-nota, il-Ministri huma mistiedna jwieġbu l-mistoqsijiet li ġejjin:

- 1. Taqblu li l-konklużjonijiet operazzjonali deskritti fil-paragrafi 12 sa 14 tan-nota jipprovdu bażi tajba għal aktar ħidma fuq id-Direttiva proposta fil-livell tekniku?*
- 2. Taħsbu li s-salvagwardji kontra l-istigmatizzazzjoni u għall-protezzjoni tal-libertajiet fid-Direttiva proposta huma biżżejjed? Jekk le, liema salvagwardji addizzjonali għandhom, fil-fehma tagħkom, jiġu inklużi? Taraw modi oħra ta' promozzjoni tal-ispazju ċiviku li huma komplementari għall-istrument propost?*